



Kunsill Ewropew

Brussell, 30 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

EUCO 7/23

CO EUR 5
CONCL 3

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (29 u 30 ta' Ġunju 2023) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-NATO Stoltenberg dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO u s-sigurtà Ewro-Atlantika, b'mod partikolari wara l-iffirmar tat-tielet dikjarazzjoni konġunta fl-10 ta' Jannar 2023.

*

*

*

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU, u jfakkar fl-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha u għad-dritt inerenti tagħha li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi appoġġ finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku b'saħħtu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn.
2. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma mill-ġdid ir-rieda tal-UE li tipprovdi appoġġ militari sostenibbli lill-Ukrajna sakemm ikun meħtieġ, b'mod partikolari permezz tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi. Huwa qies il-progress fit-twassil u l-akkwist konġunt ta' miljun balla ta' munizzjon tal-artillerija u missili għall-Ukrajna. Huwa jissottolinja l-importanza tal-isforzi persistenti tal-Istati Membri biex jgħinu jissodisfaw il-ħtiġijiet militari u ta' difiża urġenti tal-Ukrajna, mingħajr preġudizzju għall-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri, u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

3. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jinsabu lesti li jikkontribwixxu, flimkien mas-sħab, għall-impenji tas-sigurtà futuri lejn l-Ukrajna, li ser jgħinu lill-Ukrajna tiddefendi lilha nnifisha fit-tul, jiskoraġġixxu atti ta' aggressjoni u jirreżistu kontra l-isforzi ta' destabbilizzazzjoni. F'dan ir-rigward, huma ser jikkunsidraw malajr il-modalitajiet ta' tali kontribut. Dawn l-impenji ser jittieħdu b'rispett sħiħ tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri, u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi l-kwistjoni.
4. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-qerda intenzjonata tad-diġa fl-impjant idroelettriku ta' Kakhovka, li għandha riperkussjonijiet umanitarji, ekoloġiċi, agrikoli u ekonomiċi devastanti u tqiegħed f'riskju s-sikurezza u s-sigurtà tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Zaporizhzhia. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jinsabu lesti li jipprovdu aktar appoġġ lill-Ukrajna, b'żieda mal-assistenza ta' emerġenza għall-isforzi ta' sokkors ipprovduti permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili. L-Unjoni Ewropea tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika biex issaħħaħ is-sikurezza u s-sigurtà nukleari fl-Ukrajna.
5. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser jintensifikaw l-isforzi fil-kuntatti diplomatiċi tagħhom u jkomplu jikkooperaw mal-Ukrajna u pajjiżi oħra biex jiġi żgurat l-appoġġ internazzjonali l-aktar wiesa' possibbli għall-prinċipji u l-oġettivi ewlenin tal-Formula ta' Paċi Ukrena, inkluż permezz ta' Summit Dinji futur dwar il-Paċi. Kwalunkwe inizzjattiva għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna għandha tkun ibbażata fuq ir-rispett sħiħ għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tagħha fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha.

6. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-hteġa li jiġi żgurat, flimkien mas-sħab, appoġġ finanzjarju stabbli, prevedibbli u sostenibbli għall-Ukrajna għas-snin li ġejjin. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu biex il-Bank Ewropew tal-Investment, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, jintensifika l-appoġġ tiegħu għall-ħtiġijiet ta' infrastruttura l-aktar urġenti tal-Ukrajna. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata wkoll li tappoġġa, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, ir-reparazzjoni, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, inkluż fl-oqsma tar-riabilitazzjoni psikoloġika u psikosoċjali u l-assistenza għat-tneħħija tal-mini. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew qies il-ħidma li saret rigward l-assi immobilizzati tar-Russja, u jistieden lill-Kunsill, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex javvanzaw il-ħidma, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, u f'koordinazzjoni mas-sħab.
7. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata bis-sħiħ biex tiżgura li r-Russja tinżamm għalkollox responsabbli għall-gwerra tagħha ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-fatt li ċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (ICPA) jinsab lest jibda l-operazzjonijiet ta' appoġġ tiegħu. Il-Kunsill Ewropew qies l-isforzi biex jiġi stabbilit tribunal għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, inkluż il-ħidma li saret fil-Grupp Prinċipali, u jappella biex tissokta l-ħidma. It-tribunal għandu jgawdi minn appoġġ transreġjonali u leġittimità mill-aktar wesgħin. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fl-Investigazzjoni u l-Prosekuzzjoni tad-Delitt tal-Ġenoċidju, id-Delitti kontra l-Umanità, id-Delitti tal-Gwerra u Delitti Internazzjonali oħra, u jappella lill-pajjiżi kollha biex isiru partijiet għall-Konvenzjoni malajr kemm jista' jkun. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll l-istabbiliment tar-Reġistru tad-danni kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, tal-Kunsill tal-Ewropa u jappella biex titkompla l-ħidma.

8. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bl-aktar mod qawwi d-deportazzjoni u t-trasferiment illegali lejn ir-Russja u lejn il-Belarussja ta' tfal u ta' persuni ċivili oħra Ukreni. Huwa jappella lill-Federazzjoni Russa u lill-Belarussja biex jiżguraw minnufih ir-ritorn sikur tagħhom.
9. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-isforzi biex tkompli tiżdied il-pressjoni fuq ir-Russja sabiex tiddgħajef il-kapaċità tagħha li tmexxi l-gwerra ta' aggressjoni tagħha, inkluż permezz ta' sanzjonijiet, l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom u l-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tagħhom. F'dan il-kuntest, jilqa' l-adozzjoni tal-11-il pakkett ta' sanzjonijiet. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-koleġislaturi biex jiffinalizzaw rapidament il-ħidma fuq id-Direttiva proposta li tapprossimizza r-reati kriminali u l-penali għall-ksur ta' miżuri ristrettivi tal-Unjoni.
10. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-appoġġ militari li qed jibqa' jingħata mill-Iran u l-Belarussja għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Il-Belarussja għandha tieqaf tippermetti lill-forzi armati Russi jużaw it-territorju tagħha, inkluż għall-iskjerament ta' armi nukleari tattiċi. L-Iran għandu jieqaf jipprovdi droni lir-Russja.
11. Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-impenn u l-isforzi sostanzjali tal-Ukrajna li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa fil-proċess ta' adeżjoni tagħha mal-UE. Huwa jhegġegħ lill-Ukrajna biex tkompli fil-perkors ta' riformi tagħha. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Ukrajna u tappoġġa l-isforzi tagħha biex tissodisfa bis-sħiħ il-kundizzjonijiet kollha.
12. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lir-Repubblika tal-Moldova fl-indirizzar tal-isfidi li tiffaċċa b'konsegwenza tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u fl-isforzi ta' riforma fil-perkors Ewropew tagħha. Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-impenn u l-isforzi sostanzjali tar-Repubblika tal-Moldova biex tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-proċess ta' adeżjoni tagħha mal-UE. Huwa jilqa' l-pakkett ta' appoġġ ippreżentat reċentement u t-tnedija tal-Missjoni Ċivili ta' Sħubija tal-UE. Huwa jfaħħar lir-Repubblika tal-Moldova għall-organizzazzjoni b'suċċess tat-tieni Summit tal-Komunità Politika Ewropea fl-1 ta' Ġunju 2023.

13. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-passi li ttieħdu reċentement mill-awtoritajiet tal-Georgia. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Georgia biex tappoġġaha fl-ilħuq tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex tavvanza fit-triq tagħha lejn l-Ewropa.
14. Ir-Russja tkompli tuża l-ikel bħala arma, u b'hekk iddgħajjef is-sigurtà globali tal-ikel. Il-Kunsill Ewropew jinsab imħasseb ħafna dwar it-tkomplija tat-tnaqqis fir-ritmu fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali u jappella biex jissoktaw b'mod rapidu u sħiħ l-operazzjonijiet tagħha. Il-Korsiji ta' Solidarjetà tal-UE jibqgħu strumentali fit-tisħiħ tas-sigurtà globali tal-ikel.
15. L-Unjoni Ewropea ttenni l-impenn tagħha li ssaħħaħ l-appoġġ għall-persuni spostati, kemm fl-Ukrajna kif ukoll fl-Unjoni Ewropea, inkluż permezz ta' assistenza finanzjarja adegwata u flessibbli lill-Istati Membri li jgħorru l-akbar piż tal-kostijiet mediċi, tal-edukazzjoni u tal-ġhajxien tar-refuġjati.

II. EKONOMIJA

16. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni ekonomika attwali.
17. Wara r-rapport min-naħa tal-Presidenza tal-Kunsill u l-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew qies il-progress fit-titjib tal-kompetittività u l-produttività fit-tul tal-Ewropa, b'enfasi partikolari fuq l-approfondiment tas-Suq Uniku, il-preservazzjoni tal-integrità tiegħu, l-erba' libertajiet tiegħu u l-ftuħ tiegħu, l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-ħolqien ta' qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir u li jnaqqas il-piż amministrattiv, filwaqt li jsaħħaħ il-politika industrijali u jnaqqas id-dipendenzi strateġiċi, b'mod partikolari fl-oqsma l-aktar sensittivi.

18. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2023 u fid-dawl tal-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tal-Unjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali, il-Kunsill Ewropew:
- a) jistieden lill-koleġislaturi biex iħaffu l-ħidma dwar il-proposti għal Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u Att dwar il-Materja Prima Kritika bil-ħsieb li jintlaħaq qbil qabel it-tmien taċ-ċiklu leġislattiv attwali u jitlob li l-ħidma fir-rigward tal-iżvilupp ta' teknoloġiji strateġiċi u t-tiżi tal-ktajjen tal-valur tagħhom tiġi avvanzata;
 - b) jisħaq fuq l-importanza li l-Unjoni Ewropea ssir sit ewlieni għall-iżvilupp tal-intelliġenza artiċjali (IA) u l-ħtieġa li jinħatfu l-opportunitajiet rapidament u jiġu indirizzati r-riskji ta' użi speċifiċi tal-IA bil-ħsieb li titrawwem l-innovazzjoni u l-fiduċja, jiġi promoss l-investment u l-użu, u jingħata kontribut biex jiġu stabbiliti standards globali, u jappella lill-koleġislaturi biex jiffinalizzaw il-ħidma minnufih fir-rigward tal-Att dwar l-IA;
 - c) jistieden lill-Kummissjoni tipproponi inizjattiva għal miżuri urġenti biex tiġi żgurata produzzjoni suffiċjenti u disponibbiltà tal-mediċini u l-komponenti l-aktar kritiċi fl-Ewropa u biex jiġu ddiversifikati l-ktajjen tal-provvista internazzjonali, filwaqt li jistieden lill-koleġislaturi biex ikomplu u jaċċelleraw il-ħidma fuq ir-riforma proposta tal-leġislazzjoni dwar il-farmaċewtiċi, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-mediċini u għal settur farmaċewtiku innovattiv u kompetittiv;
 - d) jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Qorti Unifikata tal-Privattivi għall-Istati Membri parteċipanti, u d-dħul konsegwenti fit-tħaddim tal-privattiva unitarja, li ser tagħti spinta lill-innovazzjoni u l-kompetittività;
 - e) jistenna b'interess l-ewwel rieżami tal-progress annwali dwar it-tiżi tal-kompetittività tal-Unjoni u ż-żieda tal-produttività u t-tkabbir fil-laqgħa tiegħu ta' Marzu 2024;

- f) jappella għal Rapport ta' Livell Għoli indipendenti dwar il-futur tas-Suq Uniku li ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa tiegħu ta' Marzu 2024 u jistieden lill-presidenzi li jmiss tal-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanzaw din il-ħidma, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri;
 - g) jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta sett ta' għodod biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi u b'mod partikolari l-impatt tagħhom fuq il-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa.
- 19. Il-Kummissjoni tat rendikont dwar id-diskussjonijiet mal-Istati Uniti dwar l-effetti tal-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni (IRA). Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex, bl-appoġġ tal-Istati Membri, tivvaluta l-impatt tal-IRA fuq l-investiment u l-effettività tal-miżuri meħuda b'rispons mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u biex tkompli l-ħidma tagħha fuq il-monitoraġġ u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-investiment.
 - 20. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-ekonomija tal-Unjoni sabiex jiġu difiżi l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa. Huwa jappella għal approċċ li jipprovdi tweġibiet proporzjonati, preċiżi u mmirati għall-isfidi tas-sigurtà abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju.
 - 21. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiż kif diskussi mill-Kunsill, u b'hekk jippermetti l-konklużjoni tas-Semestru Ewropew tal-2023.
 - 22. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex javvanza l-ħidma fuq ir-Rieżami tal-Governanza Ekonomika, bil-ħsieb li tiġi konkluża l-ħidma leġiżlattiva fl-2023.
 - 23. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tar-reviżjoni proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi l-kwistjoni.

III. SIGURTÀ U DIFIŻA

24. Il-Kunsill Ewropew qies il-ħidma li twettqet biex jiġu implimentati l-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, id-Dikjarazzjoni ta' Versailles ta' Marzu 2022 u l-Boxxla Strateġika.
25. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa li tissaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tas-settur Ewropew tad-difiża u li dan isir aktar innovattiv, kompetittiv u reżiljenti, b'mod partikolari f'ambjent strateġiku ġdid li jeħtieġ stat ta' tħejjija fir-rigward tad-difiża u żieda sinifikanti fil-kapaċità strateġika fit-tul tal-Ewropa sabiex tiegħu aktar responsabbiltà għad-difiża tagħha stess.
26. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew:
 - a) jappella biex tiġi avvanzata l-ħidma fuq il-linji ta' azzjoni kollha għat-twassil u l-akkwist konġunt ta' munizzjon u missili, b'mod partikolari fuq l-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP) bil-ħsieb tal-adozzjoni rapida tiegħu;
 - b) jilqa' l-qbil milħuq dwar l-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA);
 - c) jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal Programm Ewropew għall-Investiment fil-Qasam tad-Difiża (EDIP) biex jissaħħu l-kapaċità u r-reżiljenza tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea, inkluż l-SMEs.
27. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-deċiżjoni biex il-limitu massimu finanzjarju tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi jkompli jiżdied b'EUR 3.5 biljun sabiex jiġi ppreservat l-ambitu ġeografiku globali tal-Faċilità, ikompli jingħata appoġġ militari lill-Ukrajna, u sabiex tinżamm il-kapaċità tal-Unjoni li tipprevjeni u twieġeb b'mod rapidu għall-kriżijiet u l-konflitti u li ssaħħaħ il-kapaċità permezz tal-missjonijiet ta' taħriġ tagħha.

28. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress fl-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika, inkluż fir-rigward taċ-ċibersigurtà u taċ-ċiberdifiża, it-theddid ibridu, il-mobbiltà militari, l-ispazju u s-sigurtà marittima. Jilqa' wkoll il-ħidma li saret biex tissaħħaħ id-dimensjoni Ċivili tal-PSDK, b'mod partikolari l-approvazzjoni reċenti tal-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK.
29. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma fir-rigward tal-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża u dwar ir-rieżami tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u t-tweġiba għall-attakki ċibernetiċi.

IV. ĊINA

30. Il-Kunsill Ewropew kompla d-diskussjoni strateġika tiegħu dwar ir-relazzjonijiet tal-UE maċ-Ċina u afferma mill-ġdid l-approċċ ta' politika multidimensjonali tal-UE lejn iċ-Ċina, li fil-qafas tagħha dan il-pajjiż hu simultanjament sieħeb, kompetitur u rivali sistemiku. Minkejja s-sistemi politiċi u ekonomiċi differenti tagħhom, l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina għandhom interess komuni li jfittxu relazzjonijiet kostruttivi u stabbli, ankrati fir-rispett tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, il-kooperazzjoni bbilanċjata u r-reċiproċità.
31. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tiddjaloga maċ-Ċina biex tindirizza l-isfidi globali u tħeġġeġ liċ-Ċina tiegħu azzjoni aktar ambizzjuża dwar it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, l-istat ta' tħejjija b'rabta mas-saħħa u l-pandemiji, is-sigurtà tal-ikel, it-tnaqqis tad-diżastri, is-serħan mid-dejn, u l-assistenza umanitarja.
32. L-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina jibqgħu jkunu sħab kummerċjali u ekonomiċi importanti. L-Unjoni Ewropea ser tiegħu ħsieb tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, sabiex ir-relazzjoni kummerċjali u ekonomika tkun ibbilanċjata, reċiproka u ta' benefiċċju reċiproku. F'konformità mal-Aġenda ta' Versailles, l-Unjoni Ewropea ser tkompli tnaqqas id-dipendenzi u l-vulnerabbiltajiet kritiċi, inkluż fil-ktajjen tal-provvista tagħha, u ser tnaqqas ir-riskji u tiddiversifika fejn meħtieġ u xieraq. L-Unjoni Ewropea ma għandhiex l-intenzjoni li tiddissoċja jew tingħalaq fiha nfisha.

33. Bħala membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, iċ-Ċina għandha responsabbiltà speċjali li tħares l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali. Għalhekk, il-Kunsill Ewropew jappella li-Ċina biex tagħmel pressjoni fuq ir-Russja biex twaqqaf il-gwerra ta' aggressjoni tagħha, u tirtira immedjatament, kompletament u mingħajr kundizzjonijiet it-truppi tagħha mill-Ukrajna.
34. L-Ibħra taċ-Ċina tal-Lvant u tan-Nofsinhar huma ta' importanza strateġika għall-prosperità u s-sigurtà reġjonali u globali. L-Unjoni Ewropea hija mħassba dwar it-tensjonijiet li qed jikbru fl-Istrett tat-Tajwan. Il-Kunsill Ewropew jopponi kwalunkwe tentattiv unilaterali biex jinbidel l-istatus quo bil-forza jew bil-geġhil. Huwa jikkonferma mill-ġdid il-"politika ta' Ċina Waħda" konsistenti tal-UE.
35. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata bis-sħiħ għall-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-issoktar tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem maċ-Ċina. Huwa jtenni t-tħassib tiegħu fir-rigward tax-xogħol furzat, it-trattament tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ta' persuni li jaġhmlu parti minn minoranzi, is-sitwazzjoni fit-Tibet u Xinjiang, kif ukoll ir-rispett tal-impenji preċedenti taċ-Ċina marbuta ma' Hong Kong.

V. RELAZZJONIJIET ESTERNI

36. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta t-tnejn għas-Summit bejn l-UE u s-CELAC. Dan ser ikun opportunità biex tiġġedded u tissaħħaħ sħubija bbażata fuq valuri, storja u kultura kondiviżi, u biex jintlaħaq qbil dwar aġenda pożittiva u li tħares 'il quddiem. Djalogu bireġjonali regolari u strutturat ser jiżgura s-segwitu u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti f'oqsma ta' interess komuni, inkluż il-kummerċ u l-investment. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jiġu indirizzati flimkien il-kriżijiet klimatiċi u ambjentali dinjija, l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu, l-opportunitajiet tat-trasformazzjoni diġitali u l-ħtieġa li jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, kif ukoll it-theddid mingħajr preċedent għas-sigurtà globali u l-ordni bbażat fuq ir-regoli.

37. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mas-sħab tagħha fil-Viċinat tan-Nofsinhar. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma li saret fuq pakkett ta' sħubija komprensiva ta' benefiċċju reċiproku mat-Tuneżija, li jibni fuq il-pilastri tal-iżvilupp ekonomiku, l-investiment u l-kummerċ, it-tranżizzjoni lejn l-enerġija ekoloġika, il-migrazzjoni u l-kuntatti bejn il-persuni, u jappoġġa l-issoktar tad-djalogu politiku fil-kuntest tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u t-Tuneżija. Huwa jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ u l-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi simili bejn l-Unjoni Ewropea u s-sħab fir-reġjun.
38. Filwaqt li jfakkar fid-Dikjarazzjoni tas-Summit ta' Tessaloniki bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent tal-21 ta' Ġunju 2003, id-Dikjarazzjonijiet sussegwenti ta' Sofia, Zagreb, Brdo u Tirana u l-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari dawk tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn sħiħ u inekwivoku tiegħu għall-perspettiva ta' sħubija fl-UE tal-Balkani tal-Punent u l-appoġġ tiegħu għall-aċċellerazzjoni tal-proċess ta' adeżjoni bbażat fuq il-mertu u tar-riformi relatati.
39. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-inċidenti vjolenti reċenti fit-Tramuntana tal-Kosovo* u jappella għat-tnaqqis tat-tensjoni b'mod immedjat, abbażi tal-elementi ewlenin diġà identifikati mill-Unjoni Ewropea fit-3 ta' Ġunju 2023. Il-partijiet għandhom joħolqu l-kundizzjonijiet għal elezzjonijiet bikrija fl-erba' muniċipalitajiet kollha fit-Tramuntana tal-Kosovo. Jekk it-tensjonijiet ma jitnaqqisux ser ikun hemm konsegwenzi negattivi. Huwa essenzjali li d-djalogu ffaċilitat mill-UE mmexxi mir-Rappreżentant Għoli u l-implimentazzjoni rapida tal-Ftehim dwar il-perkors għan-normalizzazzjoni u l-Anness dwar l-Implimentazzjoni tiegħu jitkomplew. Dan jinkludi l-istabbiliment tal-Assoċjazzjoni/il-Komunità tal-Muniċipalitajiet b'Maġġoranza Serba.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244/1999 tal-KSNU u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

40. F'konformità mal-impenji dwar il-multilateraliżmu li saru fis-Summit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana tas-17 u t-18 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-preżenza msaħħa tal-Unjoni Afrikana f'fora internazzjonali, b'mod partikolari fil-G20.

VI. IL-LVANT TAL-MEDITERRAN

41. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat bis-sħiħ għal soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru, fil-qafas tan-NU, f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU u f'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE u l-acquis. L-Unjoni Ewropea tappella għall-issoktar rapidu tan-negozjati u hija lesta li taqdi rwol attiv fl-appoġġ tal-istadji kollha tal-proċess immexxi min-NU, bil-mezzi kollha adatti għad-dispożizzjoni tagħha.
42. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mat-Turkija, inkluż dawk ta' Ġunju 2021 u d-Dikjarazzjoni ta' Marzu 2021, u fid-dawl tal-elezzjonijiet reċenti fit-Turkija, il-Kunsill Ewropew jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jippreżentaw rapport lill-Kunsill Ewropew dwar is-sitwazzjoni attwali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija, li jibni fuq l-istrumenti u l-għażliet identifikati mill-Kunsill Ewropew, u bil-ħsieb li l-affarijiet jimxu 'l quddiem b'mod strateġiku u li jħares 'il quddiem.

VII. PUNTI OĦRA

43. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-isfidi ppreżentati minn kriżijiet u diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem ta' natura transsettorjali u transfruntiera, li ħafna minnhom huma aggravati mit-tibdil fil-klima u x-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi fl-Ewropa u madwar id-dinja. Huwa jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ ir-reżiljenza f'oqsma strateġiċi permezz ta' approċċ li jkopri l-perikli kollha fir-rigward tat-tħejjija u tar-rispons bl-użu ta' mekkaniżmi rilevanti, inkluż il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.